MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 305/2010

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu lil xulxin fil-5 ta' Novembru 2004;
2. Illi qabel iz-zwieg ir-relazzjoni taghhom kienet twila madwar sentejn u f'dan il-perijodu kien hemm xi problemi bejniethom tant hu hekk illi kien hemm xi okkazzjonijiet meta sahansitra kien hemm xi break-ups. Izda maz-zmien l-intimat beda jirranga u l-affarijiet minn-naha tieghu bdew jirrangaw;
3. Illi ladarba huma zzewgu l-attitudni tal-intimat regghet hzienet tant hu hekk li tista tghid li l-konvenut

xorta wahda ma assumiex l-obbligi matrimonjali tieghu tant illi huwa xorta wahda baqa marbut mal-genituri tieghu u l-problemi tieghu kien jiddiskutihom maghhom minflok mal-esponenti kif ukoll id-decizjonijiet li kien jiehu, kien jehodhom wara konsultazzjoni mal-genituri tieghu minflok mal-esponenti;

4. Illi mill-bidu nett fiz-zwieg bdiet tispikka l-immaturita' tal-intimat tant illi xi xahar wara li zzewgu kien inqala argument mal-gar taghhom fil-blokk tal-appartamenti fejn kienu jirrisjedu u l-intimat iddecieda li minflok jipprova jsolvi l-problemi huwa ried li semplicement jitlaq minn hemm hekk u kien anke qal lill-esponenti sabiex taghzel bejnu u l-appartment;

5. Illi l-konjugi ma tantx kellhom opportunita' jqattghu *quality time* flimkien minhabba l-fatt illi l-intimat ried illi jkun hu li jaqla iktar flus mill-esponenti u ghalhekk ghal certu zmien beda jahdem ghal sighat twal b'dan illi meta kien imur lura d-dar kien jiekol u jmur dritt jorqod;

6. Illi barra minn hekk meta huwa ma kienx ikun xoghol u kien ikollu xi hin liberu bhal nhar ta' Hadd, il-genituri tieghu kienu jinsistu ili huwa jqatta l-gurnata maghhom u ghalhekk il-kontendenti kienu jkunu dejjem mal-genituri tieghu minflok ma jqatta ftit hin bil-kwiet ma martu sahansitra f'okkazzjoni meta suppost il-kontendenti kellhom iqattghu gurnata romantika wahedhom Ghawdex spiccaw billi l-genituri tieghu marru jiltaqghu maghhom hemmhekk ukoll;

7. Illi xahrejn biss wara li kienu zzewgu l-intimat kien iddikjara mal-esponenti ili huwa ma riedx li jkollhom tfal u fil-fatt tul iz-zwieg, meta kien ikollhom rapporti sesswali, dawn kienu dejjem bl-uzu tal-kontracettivi sabiex tigi evitata t-tqala;

8. Illi kien hemm ukoll okkazzjonijiet meta l-intimat meta jinqala argument kien jirrikorri ghal mezzi vjolenti u kien sahansitra ezercita vjolenza fizika fuq l-esponenti;

9. Illi tul iz-zwieg l-intimat baqa ghal kollox dipendenti fuq il-genituri tieghu u ma kienx iqatta hin sabiex igawdi lill-mara tieghu izda kien biss qabad rutina ta' xoghol u meta ma jkunx ix-xoghol kien ifittex izjed lill-genituri tieghu milli lill-mara tieghu;

10. Illi l-esponenti saret taf illi kien hemm okkazzjoni meta l-genituri tal-intimat kienu stqarrew ma' Ahmed Bukri

l-pastor illi kien zewweg lill-kontendenti illi huma kienu lesti illi jiehdu lil binhom lura maghhom jekk jibqa jkun hemm problemi bejniethom tant hu hekk illi huma kkonfermaw illi sahansitra l-kamra tas-sodda kellhom lesta ghalih;

11. Illi r-relazzjoni tal-kontendenti intemmet biss tmien xhur wara li zzewwgu meta l-intimat telaq mid-dar matrimonjali wara li huwa kien refa idejh fuq l-esponenti u xi jumejn wara mar lura d-dar matrimonjali semplicement sabiex jigbor hwejjgu flimkien ma missieru u mar lura jghix mal-genituri tieghu;

12. Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

13. Illi l-kunsens ta' l-esponenti inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

14. Illi ghalhekk iz-zwieg huwa null u minghajr effett;

15. Illi l-attrici taf b'dawn il-fatti personalment;

16. Illi ghalhekk kellha issir din il-kawza;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti li gie ccelbrat fil-5 ta' Novembru 2004 hu null u minghajr effett ai termini tal-artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta ghal ragunijiet premessi imputabbli unikament lill-konvenut;

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi huwa jaqbel li z-zwieg bejnu u bejn ir-rikorrenti huwa null, b'dana illi l-istess nullita hija attribwibbli lill-

mara u ghalhekk l-ispejjez tal-proceduri ghandhom jigu sapportati mill-mara;
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tqal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attrci A B u l-intimat C D datat il-5 ta' Novembru 2004 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u (1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

Illi min-naha tieghu l-intimat jghid li fil-principju ma ssib ebda oggezzjoni ghal dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg taghhom imma dan ghandu jkun ghal ragunijiet imputabbli lill-istess attrici u mhux lilu.

**Il-verzjoni tal-attrici**

L-attrici tibda billi tghid li kienet iltaqghet mal-intimat peress li kienu parti mill-knisja Evangelika ta' San Gwann. Maz-zmien ingibdu lejn xulxin u bdew johorgu flimkien.

Wara biss tliet ijiem li bdew johorgu flimkien, l-attrici waqqfet ir-relazzjoni taghhom ghaliex hasset li l-intimat kien wisq dominanti fuqha u li kienet qed thossha qed tifga, izda wara biss jumejn regghu komplew fejn kienu hallew. Peress li l-intimat mill-ewwel qalilha li riedha bhala martu, l-attrici mill-ewwel indunat li din ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet ser tkun wahda serja. Wara xahrejn

regghet hasset li din ir-relazzjoni ma kienitx wahda tajba ghaliha u peress illi deherilha li l-intimat kien immatur imma meta qaltlu li riedet twaqqaf ir-relazzjoni taghhom, ir-reazzjoni tal-intimat tant kienet kbira, fis-sens li beda jibki bhal tarbija, jippanikkja u jaqta' nifsu u kif rat hekk, iddecidiet li tkompli mieghu ghaliex hasset li ma setghetx titilqu u thallih f'dak l-istat.

L-attrici tghid li l-partijiet kellhom relazzjoni ta' madwar sentejn qabel ma inghaqdu fiz-zwieg u f'dan il-perjodu, kienu hassru diversi drabi izda peress li l-intimat irranga xi ftit, ir-relazzjoni ta' bejniethom kompliet. Maz-zwieg, l-intimat rega' mar lura ghal dak li kien qabel fis-sens li l-attitudni tieghu hzienet u baqa' marbut mal-genituri b'tali mod li minflok ma jiddiskuti l-problemi ma' martu, kien jaghzel li jiddiskuti l-problemi flimkien mal-genituri tieghu. Id-decizjoniijet li kien jiehu, kien johodhom biss wara li jkun iddiskutihom l-ewwel mal-genituri tieghu. Tghid ukoll li kienet thoss li l-intimat kien qisu pupazz minhabba l-fatt illi huwa kien jixtieq jaghmel certu affarijiet maghha "***izda minflok kien jindahal missieru u jiehu over hu***"(ara a fol 26 tal-process). L-intimat kien jaghmel dak kollu li jghidlu missieru, anke jekk dan kien ifisser li jigdeb u jaghti verzjoni differenti mill-verita'.

Illi xahar qabel it-tieg, l-attrici riedet thassar kollox izda bejnha u bejn ruhha hasset li dan ma kienx possibbli ghaliex kollox kien lest u bezghet minn x'kienu ser jghidu n-nies li kieku verament ihassru. Barra dan kollu, l-intimat kien ippanikkjat immens fis-sens li kien qed jghidilha li ma kien gawda xejn f'hajtu u li kien ghadu zghir wisq biex jizzewweg tant li kien ha kors kalmanti gimgha qabel it-tieg. L-attrici tghid li kienet kellmet lill-Pastor taghha dwar il-hsiebijiet taghha u d-dubji izda kien hu li kkonvinciha biex tibqa' sejra bil-preparamenti tat-tieg u fil-fatt hekk ghamlet anke ghaliex kienet rat xi forma ta' progress fih fiz-zmien tal-gherusija. Hasbet ukoll li kien ser jinqata' minn mal-genituri tieghu u li ghalhekk is-sitwazzjoni kienet ser titranga. L-attrici ssemmi wkoll episodju partikolari li sehh dakinhar tat-tieg meta l-*pastor* talab lil dawk prezenti jghaddu messagg lill-partijiet. F'dak il-hin qamet omm l-intimat u qalet lill-attrici "***hudli hsiebu ghax noqtlok***" (ara

a fol 27 tal-process). Peress li waqa' s-skiet wara tali kliem, omm l-intimat pruvat iddawwarha f'cajtha imma l-attrici tikkontendi li dan ma kienx il-kaz.

L-attrici tiddiskrivi l-karattru tal-intimat bhala immatur permezz ta' episodju fejn wara li kellu argument mal-gar, minflok ra kif solva l-problemi mieghu, iddecieda li jrid jitlaq minn hemm u wasal sahansitra sabiex jaghtiha ghazla, fis-sens li kellha taghzel bejnu u bejn l-appartament fejn kienu qieghdin jghixu.

L-attrici tiddiskrivi z-zwieg taghhom bhala zmien fejn ma tantx kellhom *quality time* bejniethom peress li zewgha ried li jkun hu li jaqla' iktar flus b'dan illi kien imur id-dar biex jiekol u jorqod biss. Fil-ftit hin liberu tieghu, l-intimat kien imur ghand il-genituri tieghu, specjalment nhar ta' Hadd u dan peress li l-istess genituri tieghu kienu jinsistu li jqatta' gurnata maghhom minflok ma jiddedika ftit hin ta' kwalita' lill-istess attrici martu. L-attrici tghid li l-intimat kien dipendenti fuq il-genituri tieghu li min-naha taghhom kellhom diga' l-kamra tas-sodda lesta ghalih f'kaz li l-partijiet ikollhom problemi.

Dwar il-possibilita' li l-partijiet ikollhom l-ulied, l-attrici tikkontendi li wara xahrejn miz-zwieg, l-intimat iddikjara maghha li ma riedx li jkollhom tfal tant li l-att sesswali bejniethom ma kienx ikun miftuh ghall-prolazzjoni tal-ulied. L-attrici tghid li r-raguni li ta l-intimat kienet wahda finanzjarja. Imbaghad, meta l-intimat induna li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet qabdet it-triq tan-nizla, kien hareg bl-idea li jkollhom tarbija izda din id-darba kienet l-attrici stess li qablitx ghaliex hasset li ma kienx sewwa li jgibu tarbija fid-dinja meta z-zwieg taghhom ma kienx sejjer tajjeb.

Iz-zwieg tal-partijiet skond kif tikkontendi l-attrici ntemm wara biss tmien xhur meta l-intimat telaq mid-dar matrimonjali wara li kien refa' jdejh fuqha.

**Il-verzjoni tal-intimat**

L-intimat jghid li kienet l-attrici li kienet timbuttah ghaz-zwieg pero' fl-istess hin jghid li l-arrangamenti ghaz-zwieg u l-preparamenti saru b'mod normali. Jghid ukoll li l-problemi ta' bejniethom bdew mill-ewwel ftit taz-zwieg ghaliex l-attrici bdiet titkellem fuq il-problemi ta' bejniethom ma' terzi, fosthom lill-*pastor* li kienet tghidlu wkoll affarijiet intimi ta' bejniethom. Jghid ukoll li l-attrici kienet tghidlu li dejjem xtaqet lil xihadd bhall-*pastor* Ahmed.

L-intimat jiddiskrivi z-zwieg taghhom billi jghid li l-ewwel xahrejn biss kienu normali filwaqt li x-xhur rimanenti kienu disastru ghaliex min-naha taghha kien ikun hemm hafna paroli minn warajh man-nies, kien ikun hemm glied, paroli fil-vojt min-naha taghha ma' kullhadd u anke mal-hbieb. Kienu jkunu intimi flimkien biss meta kienet tkun trid hi. L-intimat jichad bil-qawwa li baqa' jobdi mill-genituri tieghu u jghid li kien imur jarhom biss darba fil-gimgha peress li kien jahdem. Jghid ukoll li l-attrici kienet qaltlu li zzewgitu biex tehles minn ommha u li qaltlu li kienet pruvat thobbu izda ma rnexxilhiex. L-intimat jichad bl-aktar mod kategoriku li l-genituri tieghu kienu involuti hafna f'hajtu tant li meta kien jinqala' xi haga bejniethom kien imur ghandhom anzi jghid li kien hemm drabi fejn gieli raqad barra bil-lejl.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar il-5 ta' Novembru 2004 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 5 tal-process.

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' Agnes B, omm l-attrici li tghid li l-intimat kien juri li ghandu karattru ferm differenti minn dak li hu verament, specjalment ghaliex tghid li qabel ma zzewgu, kienu jidhru tajbin flimkien u ghalhekk kienet ferm ixxukjata meta fiz-zwieg bintha kienet stqarret maghha li l-intimat kien refa' jdejh fuqha. Ix-xhud tikkonferma dak li tghid l-attrici fis-sens li bejn il-partijiet kien hemm problema mal-gar, tant li l-intimat kien hataf okkazjoni partikolari fejn kienu raqdu ghand omm l-attrici sabiex imorru jghixu ghandha izda din tal-ahhar, mill-ewwel qaltilhom li din il-proposta ma kienitx tajba

ghaliex huma kellhom darhom u kellhom imorru jghixu hemm. Omm l-attrici tikkonferma wkoll li z-zwieg ta' bintha mal-intimat sfaxxa wara li l-istess intimat refa' jdejh fuqha.

Issir referenza wkoll ghax-xhieda ta' Sarah Schembri, in-neputija tal-attrici fejn ukoll min-naha taghha tikkonferma li bejn il-partijiet kien hemm problema mal-gar taghhom u li l-intimat ried li jbiegh l-appartament akkost ta' kollox. Hi tikkonferma wkoll li l-attrici kienet tgerger dwar il-genituri tal-intimat fis-sens li kienu jindahlu bejniethom u li kienu jikkontrollawhom. Tikkonferma wkoll li z-zwieg ta' bejn il-partijiet sfaxxa wara ftit xhur meta l-intimat refa' jdejh fuqha ghalkemm tghid li l-attrici baqghet dejjem tittama li z-zwieg taghhom jigi salvat.

Ix-xhud Joseph Agius, *pastor* mal-*Word of Life Pentecostal Church* ukoll jikkonferma li l-attrici stqarret mieghu li kellha l-problemi ma' zewgha minhabba l-indhil da parti tal-genituri tal-intimat kif ukoll minhabba l-fatt li l-istess intimat refa' jdejh fuqha. Ahmed Bugri bhala wiehed mill-*pastors* li kien jaf liz-zewg partijiet jikkonferma wkoll li kien hemm episodju fejn l-attrici cemplitlu u qaltlu li zewgha kien refa' jdejh fuqha tant li l-istess xhud akkompanjaha l-ghassa tal-Pulizija biex taghmel rapport dwar dak li kien gara.

Doreen Bugelli tghid li dak inhar tat-tieg hasset li A kienet hosbiena hafna fis-sens li kienet tidher li qed tistaqsi lilha nnifisha jekk din kienitx idea tajbda jew le. Omm l-intimat ukoll kienet tidher inkwetata bhal qisu kellha xi haga fuq mohha. Ix-xhud tghid ukoll li ghalkemm il-partijiet kienu ghadhom *honeymooners* l-intimat qatt ma telaq lill-genituri tieghu u kienu jqattghu kull nhar ta' Hadd mal-genituri tieghu minflok ma jqattghu hin ta' kwalita' flimkien. Ix-xhud tghid li l-intimat donnu qatt ma qata' dak l-*attachment* minn mal-genituri tieghu tant li tghid li mhux l-ewwel darba li l-attrici kienet tilmenta li zewgha kien imur ghand il-genituri tieghu biex jiftah qalbu. Barra minn hekk tghid li l-attrici kienet tiftah qablha maghha meta tghidilha li l-intimat ma kienx jisma l-opinjonijiet taghha u li kien jirrabja maghha ghal kull haga li tghidlu.

Illi fil-kuntest tax-xhieda hawn prodotta, dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba minhabba anomalija psikologika serja li jaghmlu lil parti inkapaci milli jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti thoss li mill-provi esebiti, jirrizulta bl-aktar mod car li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg b'ritmu mghaggel minghajr ma verament hasbu dwar x'riperkussjonijiet kien ser ikun hemm. Min-naha taghha l-attrici tghid li riedet thassar ftit qabel iz-zwieg imma fl-istess hin tirrakkonta li kellha tama li l-intimat kien ser jinbidel ghaliex kienet rat xi forma ta' progress. Min-naha tieghu l-intimat jghid li l-idea taz-zwieg kienet tal-attrici li riedet tizzewweg ghax skond hu riedet tehles minn ommha. Ghalkemm ma kienx sfurzat biex jaghmel dan il-pass, jidher li ma tantx kien herqan lanqas, tant li halla kollox f'idejn l-istess attrici. L-intimat jghid ukoll li l-attrici kienet tiftah qalbha ma' terzi fuq l-aspetti personali taghhom filwaqt li l-attrici tghid li l-intimat kien jiftah qalbu mal-genituri tieghu li magghom baqa' attakkat b'certu mod estrem u ir-rizultat finali kien wiehed – dak li l-partijiet ma kienux jikkomunikaw bejniethom bhala koppja fis-sens li kienu jirrikorru ghand terzi minflok ma jfittxu lil xulxin.

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li***

***taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom*”.**

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph** “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tal-provi migjuba quddiemha il-Qorti thoss li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg b’sens illi dan kien il-pass li jmiss u mhux ghax verament riedu jaghmlu dan il-pass. Tant hu hekk li l-attrici kellha bzonn il-konvinzjoni tal-*pastor* taghha biex tkompli b’dan iz-zwieg (punt li jaghti hafna dawl fuq id-diskrezzjoni tal-attrici ghaliex minnu nnifsu juri l-incertezza tal-istess attrici li bbazat id-decizjoni taghha jekk tizzewwigx jew le fuq dak li qallha l-*pastor*) filwaqt li l-intimat jaghti l-impressjoni li z-zwieg kien l-idea tal-istess attrici. Il-Qorti tirrileva li mix-xhieda prodotta wkoll hija konvinta sal-grad rikjest mil-ligi li l-intimat ma ddistakkax ruhu bizzejjed mill-genituri tieghu fiz-zwieg tant li l-istess genituri kienu s-sors tal-falliment taz-zwieg taghhom ghaliex il-partijiet ma kellhomx il-possibilita’ li jikbru bhala koppja u li jiffurmaw unjoni ghalihom.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe’ li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b’eskluzjoni pozittiva ta’ wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-prolazzjoni

tal-ulied, il-Qorti tirrileva li ghalkemm il-partijiet ma jaqblux fuq il-punt dwar jekk riedux l-ulied, effettivament jirrizulta li l-att taz-zwieg qatt ma kien miftuh ghall-prolazzjoni tal-ulied *stante* li l-att taz-zwieg dejjem sar bi protezzjoni inkluz li l-attrici kienet tiehu l-*contraceptive pill* (ara a fol 30 tal-process) sabiex proprju jigi evitat li l-intimata tohrog tqila.

F’dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn gie ritenut li “***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***”.

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg f’dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F’dan il-kuntest terga’ ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn gie ritenut li “***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***”.

Illi sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg abbazi ta' dan l-Artikolu, l-partijiet iridu necessarjament jippruvaw li huma eskludew wiehed mill-elementi necessarji taz-zwieg li jinkludi fost ohrajn il-prolazzjoni tal-ulied. F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Engerer John Vs B Corinne** (deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-22 ta' Ottubru 2002) fejn gie ritenut li:

"***Ma hemm ebda ombra ta' dubju li l-prokreazzjoni huwa wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga....Il-Qrati taghna dejjem sostnew illi l-eskluzjoni ta' l-ulied jikkostitwixxi simulazzjoni parzjali tal-kunsens u jgib mieghu n-nullita' taz-zwieg innifsu. Tant huwa essenzjali l-bonum prolis illi sahansitra meta l-eskluzjoni ta' l-ulied tkun kundizzjonata, il-Qrati taghna rritenew illi z-zwieg huwa null***".

kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Fenech Adrian vs Balzan Tania** (deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-27 ta' April 2001) fejn gie sostnut ukoll li:

"***Il-prokreazzjoni tat-tfal hija element essenzjali tal-hajja mizzewga u ghalhekk l-eskluzjoni posittiva ta' din il-prokreazzjoni tivvizzja l-kunsens u twassal ghan-nullita' taz-zwieg***".

Illi mill-provi prodotti u mill-verzjonijiet tal-partijiet li dwar dan il-punt jidher li hemm qbil, jirrizulta bl-aktar mod car li effettivament u fil-prattika, tul il-ftit xhur ta' konvivenza, l-partijiet eskludew il-possibilita' li jkollhom l-ulied ghaliex dejjem uzaw il-protezzjoni sabiex jassiguraw ruhhom li ma jkollhomx ulied. Dan minkejja li l-partijiet jaghtu verzjonijiet differenti dwar jekk ridux ulied jew le. Gialadarba l-partijiet ma hallewx il-possibilita' li jkollhom l-ulied miftuha, il-Qorti thoss li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'eskluzjoni parzjali relatata ma' wiehed mill-elementi necessarji taz-zwieg.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi.

Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------